MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2004

Appell Kriminali Numru. 165/2003

Il-Pulizija
(Spettur Mario Buttigieg)
Vs
Kevin Vella

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) fit-22 ta' Mejju, 2003 ghall-habta tal-10.25 a.m. hdejn l-M.I.A. roundabout, L/O Gudja waqt li kien qed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni LEE-014, naqas li jkollu kontroll shih tal-vettura u /jew tal-isteering wheel;
2) saq l-imsemmija vettura b'giri aktar milli jmissu;

u dan ai termini tal-Artikoli MVR 68, MVR 127.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-10 ta’ Settembru, 2003, li biha, wara li rat l-Artikoli MVR 68 u MVR 127 sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-multa komplessiva ta’ ghoxrin lira Maltin (LM20).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-12 ta’ Settembru, 2003, li bih talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w wara li tiddikjarah mhux hati tal-akkuzi dedotta kontrih, tillibera lill-esponent minn kull imputazzjoni w piena.

Rat illi l-uniku aggravju rimanenti tal-appellant – wara li b’verbal registrat fis-seduta tat-13 ta’ Novembru, 2003 huwa rtira l-ewwel tlitt aggravji tieghu – huwa li hu kien baqa’ fil-kontroll assolut tal-vettura l-hin kollu anki meta beda jeffettwa l-manuvra mar-roundabout , tant illi, meta l-pulizija ndikalu biex jieqaf, hu kien pront u waqaf - kif xehed l-istess Pulizija . Tali rispons ma kienx ikun possibbli li kieku l-appellant ma kellux kontroll shih tal-vettura.

Fliet l-atti kollha processwali;

Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tat-13 ta’ Novembru, 2003;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat ;

Illi l-uniku xhud f’dan l-appell kien **P.C. 995 Stephen Falzon** , ghax l-appellant, ghalkemm quddiem l-Ewwel Qorti kien xehed , quddiem dil-Qorti ghazel li ma jixhidx.

**P.C. Falzon** xehed li hu stazzjonat fis-sezzjoni tat-Traffic u fit-22 ta’ Mejju, 2003, ghall-habta tal-10.25 a.m. l-appellant kien qed idur mar-roundabout ta’ hdejn l-Airport bi speed eccessiv , tant li l-car marritlu naqra minn wara. Kien gej minn-naha ta’ Hal Safi u Hal Kirkop u cioe’ minn-naha tat-tunnel. Ix-xhud kien faccata l-ohra tar-roundabout

u ra lill-appellant qabad idur ir-roundabout u kwazi kien dar kwart minnha. L-art kienet xotta w ma kien hemm zlieq ta’ xejn. Waqt li l-appellant kien qed idur kien hemm twerzieq ta’ tyres u beda jizzerzaq ghax il-car marritlu. Kien ghaddej il-fuq minn erbghin u fil-fehma tieghu kieku kienet hierga karozza ohra kien ikun hemm kollizzjoni. Hu waqqfu w gibidlu l-attenzjoni tieghu ghan-nuqqas tieghu.

In kontroezami , ix-xhud qal li ghalkemm fl-affidavit hu ma kienx semma speed, bil-mod kif tisma’ vettura w taraha gejja fuqek , tinduna li l-vettura qeghda bla kontroll shih u li kieku hargitlu vettura minn-naha ta’ Hal Luqa, ma kienx izomm il-car tieghu. Veru li f’dik il-parti tar-roundabout hemm ftit mit-tarmac li hu “bumpy” , ghalhekk ghandu jiehu hsieb u jipprotegi ruhu mis-sewqan huwa w jdur is-sewwieq. Meta waqqfu, l-appellant  kien waqaf f’ xi tul ta’ zewg karozzi w waqaf fit-tarf ta’ traffic island li hemm mall-gemb tax-xellug. Meta waqaf ma halliex brake mark. Meta l-Qorti osservatlu li allura ma setax kien hemm xi “speed” specjali, ix-xhud wiegeb li hija w ddur il-karozza kienet qed taghmel is-sahha fuq quddiem u allura tkun qed tnaqqas u meta giet fuq il-gemb, zammet wahedha bl-istess brake li taha l-appellant ukoll.

F’dan l-istat tal-provi , din il-Qorti mhux sodisfatta li tirrizulta t-tieni imputazzjoni ta’ sewqan b’giri aktar milli jmissu . F’dik il-lokalita’ li hija barra minn bliet w irhula , il-velocita’ massima regolamentari skond ir-Regolament 127 tar-Regolamenti tal-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur (L.N. 128 tas-sena 1994) hija ta’ **80 kilometri fis-siegha.** Fix-xiehda tieghu bl-affidavit quddiem l-Ewwel Qorti l-kuntistabbli ma semmiex speed u quddiem din il-Qorti semma speed ta’ ‘l fuq minn erbghin (bla ma semma hux mili jew kilometri fis-siegha) . Izda anki jekk hu ried jirriferi ghall-40 mfs. dan ma jkunx in eccess ghall-80 kfs ghax hu biss l-ekwivalenti ta’ 65 kfs. cirka. Illi umbaghad bil-fatt li meta P.C. Falzon ghamel sinjal lill-appellant biex jieqaf , dan irmexxielu jieqaf f’ distanza ta’ circa tul ta’ zewg karozzi , i.e. f’ xi 30 pied jew ghaxar metri , ikompli jsahhah il-fehma tal-Qorti li ma kienx hemm eccess ta’ speed regolamentari per se.

Illi umbaghad ghar-rigward tal-ewwel imputazzjoni, minn ezami tad-dicitura tat-test tar-**Regolament 68,** jidher li dar-regolament mhux intiz biex ikopri kazijiet bhal dan fejn sewwieq ikun jidher li bil-mod kif ikun isuq , qed jitlef il-kontroll tal-vettura tieghu , izda cirkostanzi ohrajn li ma rrizultawx fil-fattispecji ta' dan il-kaz. Di fatti ir-Regolament in kwistjoni jiddisponi li :-

*"Min ikun isuq vettura bil-mutur ghandu* ***joqghod bil-qeghda b'mod li jkollu kontroll shih*** *tal-vettura bil-mutur ,* ***u vista shiha tat-triq u tat-traffiku*** *li jkun hemm quddiem il-vettura bil-mutur. Huwa* ***ma ghandux ihalli il-vettura bil-mutur wehidha bla ma jiehu prekawzjonijiet xi****erqa biex ma tigix imcaqilqa sakemm idum nieqes jew* ***ihalli l-vettura bil-mutur wieqfa fi triq jew li tkun immaniggata b' mod li tkun ta' xkiel bla bzonn jew ta' xi inkonvenjent ghall-pubbliku****."*

*"Min ikun inkarigat minn* ***motor omnibus , taxicar , motor car ghal-kiri jew vettura tal-merkanzija*** *ma ghandu fl-ebda hin* ***imexxi l-vettura tieghu bil-makna mitfija*** *matul ebda bicca tat-triq la f'direzzjoni 'l quddiem u lanqas lura ,* ***ghal distanza itwqal minn 6 metri."***

Issa jidher car mit-test tal-ligi li id-difett fil-kontroll tal-vettura irid ikun gej jew mill-**mod hazin** li d-driver ikun qieghed **bil-qeghda** waqt li qed isuq jew bil-fatt li jkun halla l-vettura wehidha bla ma jiehu l-prekawzjonijiet biex ma ticcaqlaqx sakemm idum nieqes jew billi jhalli l-vettura fit-triq b'mod li tkun ta' xkiel bla bzonn jew inkonvenjent ghall-pubbliku. Kjarament umbaghad it-tieni paragrafu tal-istess regolament b' ebda mod mhu rilevanti ghal-kaz odjern.

Ghalhekk ghalkemm il-mod kif l-appellant dar mar-roundabout bi speed li ma kienx addattat ghac-cirkostanzi ambjentali tal-mument , tant li l-vettura bdiet tmurlu minn wara w deher li qed jitlef il-kontroll taghha , jista' talvolta jammonta ghall-ksur ta' xi artikolu iehor tal-ligi bhal nghidu ahna dak li jkopri sewqan traskurat, bla kont jew addirittura perikoluz taht l-artikolu 15 tal- Kap. 65 , ma jidhirx li jista' b'xi mod jaqa' taht ic-cirkostanzi w

eventwalitajiet koperti bir-regolament 68 li tahtu nstab hati mill-Ewwel Qorti . Peress li ir-reati fuq imsemmija mhumiex komprizi w involuti fil-kontravvenzjoni kontemplata fir-Regolament 68 ghax huma reati magguri punibbli b'mod aktar sever mill-ligi, din il-Qorti zgur li ma tistax issib lill-appellant hati taghhom jew ta' xi wiehed minnhom .

Ghalhekk u ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------